# *Il-Qanpiena l-Kbira tal-Bażilka Tagħlaq 75 Sena.*

Tagħrif miksub minn kitba tas-Sur Silvio Azzopardi, Segretarju tas-Soċjeta Dun Filippu Borġia

*Laudo Deum verum pleben voco congrego clerum. Defunctos ploro, nimbum fugo, festa decoro.*

Jien nfaħħar lil Alla veru, insejjaħ lill-Poplu, niġbor il-kleru, inħabbar il-mewt, intajjar is-sħab tal-maltemp u nsebbaħ il-festi. Hekk nistħajjilha qed tgħid lill-qanpiena Helena f'għeluq il-75 anniversarju minn meta twasslet f'Birkirkara fit-12 ta' Jannar, ġiet ikkonsagrata fit-22, imtellgħa fl-24 u ndaqqet għall-ewwel darba fil-25 ta' Jannar ta' l-1932, fil-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl. Kienu bosta dawk li mal-medda tas-snin sebbħu l-istorja ta' Birkirkara fejn isimhom ġie mnaqqax fl-istorja tat-terra Birkirkara. Fosthom missierna Dun Filippu Borġia li tagħna l-aqwa rigal li jibqa ħaj fostna sa ma jdum iż-żmien, il-Kolleġġjata sui generis unika u speċjalissima li kif kien jgħid il-mibki imma qatt minsi l-ex President tas-Soċjeta' Borġia Joseph Deacon hija 'l-mimmi ta' għajnejna'.

Matul iż-żmien ir-Rev.mu Kapitlu, fejn okkupaw il-kanonikati diversi kanonċi patrijotti li ħadmu kemm felħu biex il-poplu Karkariż ikun moqdi spiritwalment u materjalment hekk kif kienet ir-rieda u xewqa tal-fundaturi Dun Filippu Borġia u Dun Perin Borg kif espressa fil-kuntratti sinallagmatiċi ċivili reġistrati!.

Matul is-seklu li għadu kif għadda saru diversi opri artistiċi fit-tempju Elenjan. Dawn l-opri artistiċi jagħtu xiehda ta' kemm il-poplu Karkariż kien bħalma għadu jħobb tassew lit-tempju tiegħu li hu Domus Dei et porta caeli, id-Dar ta' Alla u l-bieb tas-sema. L-opri u l-ġrajjiet memorabbli norbtuhom ma' Preposti, Kanonċi jew lajċi li jkunu stinkaw biex l-opra ssir fil-konkret.

Kienet għadha friska l-opra eċċezzjonali tal-pittura "a fresco" mill-pittur Taljan Profs Virginio Monti (1860-1940) fiż-żmien ir-Rev.mu Prepostu Arċipriet Alfons M. Borg SThD (1897-1917) u l-orgni tad-ditta 'Tamburini' mżanżan fil-festi ċentinarji ta' l-1928, fejn erba' snin biss wara ġiet fostna l-qanpiena l-kbira Helena.

Fiż-żmien il-Prepostu Alfons M. Borg fis-16 ta' Mejju 1901 ġiet imtellgħa il-qanpiena tal-Bormliż Ġulju Cauchi li kienet il-kbira ta' dak iż-żmien. Jingħad li kellha tonalita' sabiħa u ndaqqet għall-aħħar darba fil-libra tal-Kan. Kantur Manuel Debono, meta sfat maqsuma.

Kien bit-tħabrik tar-Rev.mu Prepostru Arċipriet Carmelo Bonnici DD, BLCan u tal-Kapitlu ta' dak iż-żmien b'kumitat apposta li ġiet imwettqa l-opra monumentali tal-qanpiena l-kbira Helena.

Il-Prepostru Furjaniż Bonniċi kien Kan. Teżorier tal-Knisja Kolleġjata Bażilka ta' Marija Bambina ta' l-Isla. Il-Prepostu Bonniċi ħa l-pussess bħala l-preminent tal-Kapitlu Elenjan u sar l-għoxrin Prepostu fl-24 ta' Ġunju 1924 u rriżenja minn Prepostru Arċipriet f'Jannar 1934. Ta' min jirrimarka li Prepostru Bonniċi ħa l-inkarigu ta' Vigarju Ekonomu wara li rriżenja s-suċċessur tiegħu l-Prepostu Ġużeppi Sammut DD, BLCan iben Birkirkara li kien joqgħod fir-residenza attwali tal-ġenituri tiegħi. Il-Prepostu Sammut kellu jirriżenja minħabba l-kwistjoni li nqalgħet mill-Konċilju Reġjonali (1935) u minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Prepostu Sammut żamm l-uffiċju ta' Kanonku sa ma ħalla dan il-wied tad-dmugħ f'San Ġiljan nhar l-1 ta' Diċembru 1944 fl-eta' ta' 53 sena. Każ attwali jixbaħ dak tal-Prepostu Bonniċi ta' Vigarju Ekonomu u dak tal-Knisja Parrokjali tal-Għargħur fejn Mons. Joseph Carabott qed iservi lill-parruċċani Għargħurin. Il-Prepostu Bonniċi aktar tard kien ukoll Professur tal-morali fejn fost dawk li hu għallem xi wħud għadhom ħajjin, illum huma saċerdoti veterani.



Il-Prepostu Carmelo Bonniċi jibqa mfakkar li fiż-żmienu u bit-tħabrik tiegħu fost oħrajn ġiet regalata l-qanpiena l-kbira atttwali lill-Poplu Karkariż. Din tħabbar bħalma għedt fuq in-niket u l-ferħ bit-tonalita' dinjituża tagħha. Iżda biex opri bħal dawn jibqgħu jitgawdew jeħtieġ li nibżgħu għalihom, bħalma ġew imħarsa b'restawr is-seba' qniepen fiż-żmien ir-Rev.mu Prepostu Arċipriet Anton Vella Ba Lic.D u l-prokoratur ta' dak iż-żmien il-Kan. Dekan Anton Mallia Borg li flimkien mal-Kapitlu u ma' oħrajn qalbiena ħadmu favur din il-kawża.

Minn dawn il-linji nirringrazzja lill-Prokuratur attwali tal-Bażilka s-Sur Emanuel Sammut li flimkien mas-sinjura tiegħu u voluntiera jaħdem biex nippriżervaw dak li ħallewlna missirijietna. Ejjew membri tal-Venerabbli Soċjetà Dun Filippu Borġia u Karkariżi nitgħallmu nħobbu u naprezzaw dak li writna mingħand l-antenati tagħna ħalli ngħadduh lil uliedna.

*Riferenzi E.B. Vella Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġjata Tagħha 1936 p.505, Sal u Philip Xuereb Birkirkara Storja Kolleġjata Knejjes Filjali.*



IL KAMPIENA IL CBIRA TA BIRCHIRCARA TIZEN 101 KANTAR
U 40 RATAL SARET F'MILAN GIET MALTA FIT-12 TA JANNAR
ICCONSAGRAGH L'ISKOF D. MAURO CARUANA O.S.B. FIT-22 TA JANNAR
JISIMA "ELENA" TELLAHHA Filippo Sammut MIN BIRCHIRCARA FL-24 TA JANNAR 1932.



24 ta' Jannar 1932